MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 1018/2011

**Grace Slater mart William ID: 20352(M)**

**-VS-**

**Anthony Sammut ID:835853(M)**

**Lawrence Sammut ID :765759(M)**

**Dominic Sammut ID: 673561(M)**

**Joseph Sammut ID : 289165(M)**

**Il-Qorti :**

Rat r-rikors guramentat tar-rikorrenti tat-18 t'Ottubru 2011, li jaqra hekk:

1. *Jiena nigi oht il-konvenuti l-ohrajn. Il-genituri taghna kienu Maria Dolores Sammut u Saviour Sammut.*

2. *Maria Dolores Sammut, ommi, kienet ghamlet testment fl-atti tan-Nutar Dr.Carmelo Mangion tal-15 ta' Marzu,2003 u in forza tal-istess testment, Maria Dolores Sammut fost affarijiet ohra ordnat illi parti mill-flus depozitati f'isimha fil-bank jittiehdu minni u dana bil-kundizzjoni li nibqa' niehu hsieb huti Georgina Sammut u Nazzareno*

*Sammut illi t-tnejn li huma persuni b'dizabilita'. It-tnejn kienu b'dizabilita permanenti u llum Georgina Sammut hija mejta.*

3. *Illi Nazzareno Sammut xtaq li jerga' jmur lura fid-dar ta' Hal Qormi Barracks Street numru 65 u l-partijiet kienu ghamlu arrangamenti ohra.*

4. *Illi wara illi l-istess Nazzareno Sammut mar lura lejn Hal Qormi, l-konvenuti bdew icahdu lill-istess attrici milli tmur izzur u tiehu hsieb anke fuq bazi umana lil huhom Nazzareno Sammut illi qieghed jghix fid-dar illi llum l-istess esponenti ghandha sehem minnha li gej mill-wirt.*

5. *Illi minkejja kull tentattiv biex tinstab soluzzjoni, dan ma kienx possibbli ghaliex sahansittra l-konvenuti biddlu s-serratura tal-istess dar u ghalhekk eskludew lill-attrici minn kwalunkwe dritt li tidhol fid-dar illi ghandha sehem minnha kif ukoll, u dan l-aktar importanti illi zzur lil huha fic-cirkostanzi li jinsab fihom. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrent fir-rikors promotur;

Rat li  l-atti tar-rikors promotorju, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill- intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati  tal-4 ta'Novembru 2011(a fol. 8 ) taqra hekk:

1. *"Preliminarjament l-eccepjenti mhumiex legittimi kontradritturi f'din l-azzjoni, u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizziu.*

2. *Minghajr pregudizzju u preliminarjament ukoll, l-attrici m'ghandhiex interess guridiku f 'din il-kawza.*

3. *F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra."*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-intimati tal-4 ta'Novembru 2011 taqra hekk:

1. *"Il-kontendenti huma lkoll ahwa, ulied il-mejtin Saviour Sammut u Maria Dolores Sammut nee' Briffa.*

2. *Fid-29 ta' Jannar 2005 mietet omm il-kontendenti Maria Dolores Sammut, armla minn Saviour Sammut.*

3. *B'testment tal-15 ta'Marzu 2003 fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Mangion, l-imsemmija Maria Dolores Sammut halliet b'titolu ta' legat l-uzufrutt konguntiv u successiv tal-fond 65, Triq il-Barrakki, Qormi, lil tnejn minn uliedha, Georgina u Nazzareno, hut il-kontendenti. Halliet ukoll b'titolu ta' prelegat lill-attrici Mary Grace Slater tlieta minn sebgha (3/7) partijiet indivizi tad-depoziti bankarji kollha u ta' kull strument ta' flus li t-testatrici kellha f'isimha, bil-kundizzjoni rizoluttiva li tibqa' tiehu hsieb lil hutha Georgina u Nazzareno tul hajjithom. lnforza tal-istess testment, Maria Dolores Sammut innominat u istitwiet bhala eredi lil uliedha kollha, ossija l- kontendenti flimkien ma' huthom Georgina Sammut u Nazzareno Sammut.*

4. *L-attrici qatt ma kellha interess li tiehu hsieb hutha. Ftit wara l-mewt ta' ommha, l-attrici u zewgha dahlu fid-dar 65, Triq il-Barrakki, Qormi. Hemmhekk damu tliet xhur u qatt ma sabu xkiel minghand hadd. Kien f'dan iz-zmien li l-attrici u ohtha Georgina Sammut kellhom dizgwid bejniethom. L-attrici ghalhekk iddecidiet li hi u zewgha jitilqu mid-dar t'ommha u jmorru lura fir-residenza taghhom.*

5. *Kien ghalhekk li l-attrici ma riditx tibqa' marbuta bl-obbligu li tiehu hsieb lil hutha Georgina u Nazzareno. Iddecidiet minn rajha li tirrinunzja ghal tnejn minn sebgha (2/7) partijiet indivizi tad-depoziti bankarji u ta' kull strument ta' flus f'isem ommha biex tinheles minn dan l-obbligu. L-attrici talbet ukoll li tithallas LM700 ghas-saldu ta' kull pretensjoni li seta' kellha fir-rigward ta' servigi prestati lil ommha jew lil hutha Georgina u Nazzareno. L-esponenti accettaw, u sar anke ftehim f'dan is-sens.*

6. *Georgina u Nazzareno, ahwa Sammut, baqghu dejjem joqoghdu fid-dar ta' ommhom 65, Triq il-Barrakki, Qormi. Georgina Sammut mietet fit-18 ta' Settembru 2009. Minn dakinhar 'l hawn, baqa' jghix f'dan il-fond Nazzarcno Sammut.*

7. *L-esponenti flimkien ghadhom sal-lum jiehdu hsieb lil dan huhom Nazzareno Sammut, li ghadu jgawdi u jghix fil-fond imsemmi."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

It-talba attrici fil-kawza odjerna tirrigwarda rikjesta sabiex l-Qorti tordna lil konvenuti fi zmien qasir u perentorju, jikkonsenjaw kopja tac-cavetta tal-fond 65, Barracks Street, Qormi:

Illi mill-provi prodotti fil-kawza odjerna jirrizulta illi l-partijiet huma kollha ahwa, ulied il-mejtin Saviour Sammut u Maria Dolores Sammut nee' Briffa.

Illi fid-29 ta' Jannar 2005, mietet omm il-kontendenti cioe' Maria Dolores Sammut, armla minn Saviour Sammut li fit-testment tal-15 ta' Marzu 2003 fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Mangion (Vide Dok. A a fol 12 tal-process), **halliet b'titolu ta' legat, l-uzufrutt konguntiv u successiv tal-fond 65, Triq il-Barrakki, Qormi, lil tnejn minn uliedha, Georgina illum mejta u Nazzareno Sammut li mhuwiex parti fil-kawza.**

Illi skont it-Tielet Klawsola tat-testment datat 15 ta' Marzu 2003 it-testatrici, omm il-kontendenti, halliet b'titolu ta' prelegat, tlieta minn sebgha (3/7) partijiet indivizi tad-depoziti bankarji kollha u ta' kull strument ta' flus li t-testatrici kellha f'isimha lill-attrici Mary Grace Slater bil-kundizzjoni rizoluttiva li tibqa' tiehu hsieb lil hutha Georgina u Nazzareno tul hajjithom. Irid isisr accenn illi Georgina u Nazzareno Sammut huma persuni li huma aflitti b'dizabilita' permanenti.

Illi t-testatrici innominat bhala **eredi universali** lil uliedha kollha, cioe' l-kontendenti kollha f'din il-kawza inkluz Georgina Sammut u Nazzareno Sammut.

In segwitu tal-mewt tal-omm, l-attrici Grace Slater u r-ragel taghha, kien marru joqghod fid-dar 65, Triq il-Barrakki, Qormi u dan sabiex l-attrici tiehu hsieb lil Georgina Sammut u Nazzareno Sammut. Jidher izda li l-attrici xtaqet toqghod ma hutha f'Birzebbuga, infatti Nazzareno Sammut ghamel ftit zmien jirresjedi hemm, izda Georgina Sammut kienet kontra dan u xtaqet li Nazzareno jerga' imur joqghod Hal Qormi. (vide affidavit a fol. 21 ta' process).

Illi skont il-konvenut Lawrence Sammut fix-xhieda tieghu a fol. 78 et seq., kienet proprju Georgina li kecciet lil l-attrici, l' ghaliex Georgina kienet sostniet (permezz tal-lingwa tas-sinjali) li l-attrici kienet serqet xi affarijiet mid-dar.

Illi l-Qorti tinnota li minkejja li l-attrici tallega pressjoni da parti ta'hutha, b'referenza specjali ghal Anthony Sammut (li allegatment attakkaha fisikament), hija iffirmat ftehim mal-kontendenti hutha kif jidher fl-iskrittura datata 25 ta' Gunju 2005 Dok. B a fol. 16.

Illi skont din l-iskrittura l-kontendenti f'din il-kawza, ddikjaraw illi:

> "***Georgina u Nazzareno ahwa Sammut ma xtaqux illi tiehu hsiebhom l-imsemmija Grace Salter, il-partijiet qieghdin jiftehmu illi l-imsemmija Georgina u Nazzareno ahwa Sammut sejrin jiehdu hsiebhom l-imsemmija huthom Anthony, Lawrence, Dominic u Joseph ahwa Sammut"*** Ibid a fol. 17 para. 2.

Permezz ta' din l-iskrittura, l-attrici **irrinunzjat** ghal tnejn minn sebgha (2/7) partijiet indivizi tad-depoziti bankarji u ta' kull strument ta' flus f'isem ommha u li dawn kellhom jinqassmu ugwalment bejn il-partijiet u l-ahwa l-ohra.

**L-attrici hadet ukoll somma ta' LM700 ghas-saldu ta' kull pretensjoni li seta' kellha fir-rigward ta' servigi prestati lil ommha jew lil hutha Georgina u Nazzareno.**

Illi sussegwentament, l-konvenuti kienu hejjew *roster* fejn kull wiehed minnhom ikollu l-gurnata partikolari tieghu u dmir biex jmur gewwa d-dar ta' Hal Qormi sabiex jiehdu hsieb ta' huthom Georgina u Nazzareno Sammut.

Illi skont il-konvenut Lawrence Sammut (a fol. 80), dan ir-*roster* baqa' l-istess, u cioe` minghajr l-inkluzjoni tal-attrici sa ma mietet Georgina Sammut fit-18 ta' Settembru 2009.

Illi Lawrence Sammut sostna li wara l-mewt ta' Georgina, l-attrici xtaqet tmur tara lil Nazzarenu Sammut b'mod regolari. Ghalhekk, hija ddahlet fir-*roster* biex tmur tghin lil Nazzareno. Lawrence Sammut xehed pero, li :

> ***'malli ghamlet xi tlett gimghat giet hdejna u qaltilna isma' ghandi problema ma nistax inkompli u ahna ghidnielha ma gara xejn … pero ic-cavetta trid ittihielna la inti mhux ha tiehu hsieb ic-cavetta tird ittihielna…ic-cavetta imbaghad ma tatilniex u bdilna s-serratura.'***

Illi skont Lawrence Sammut it-tibdil tas-serratura sar bi qbil ma' huhom,Nazzareno Sammut. Lawrence Sammut xhed ukoll li l-attrici kienet ghamlet rapport lill-pulizija dwar il-bdil tas-serratura tal-fond indikat.

Illi wara li gew inizjati dawn il-proceduri, l-attrici marret gewwa c-Centru Hidma Socjali, Santa Venera, fejn imur ghall-kura Nazzareno Sammut u talbet lill-istess Nazzareno ghac-cavetta tal-dar 65, Triq il-Barrakki, Qormi u Nazzareno qallha li ma kellux cavetta. Hija regget marret nhar il-26 ta' Jannar 2012, u din id-darba Nazzareno kellu cavetta u taha lill-attrici sabiex hija taghmel kopja taghha.

Illi iktar tard l-ahwa Sammut inkluz Nazzareno marru l-ghassa ta' Hal Qormi u ghamlu rapport li l-attrici kienet hadet ic-cavetta minghajr il-kunsens ta' Nazzareno Zammit. (Vide Rapport tal-Pulzija a fol 38 et seq tal-process).

Anthony Sammut fix-xhieda tieghu ( a fol 51 et seq.tal-process) jghid li Nazzareno kien gie id-dar u qal li l-attrici:

***"haditilu c-cavetta, haditielu mbuttatu u haditlu c-cavetta qalli…".***

Anthony Sammut ippreciza li Nazzareno kien ikkomunika dan permess ta' sinjali b'idejh.

Illi dan jikkuntrasta max-xhieda ta' Melissa Busuttil (vide xhieda a fol.72) li tahdem fic-Centru Hidma Socjali li xhedet li ma kienx hemm sfurzar, ghajjat jew glied da parti ta' l-attrici, u kien hemm sempliciment skambju ta' cavetta. Hi tghid ukoll li Nazzareno Sammut kien jifhem kollox u jaf jikkomunika bis-sinjali. Dan gie korroborat minn Lawrence Sammut li ddikjara li Nazzareno kien ikkomunika maghhom li l-attrici hadet ic-cavetta minghandu.

Illi skont Anthony Sammut, il-konvenuti kollha u Nazzareno kien tal-fehma wahda fid-decizjoni taghhom li jergghu ibidlu s-serratura.

**Ikkonsidrat:**

Illi l-Qorti primarjament sejra tezamina l-kwistjoni tat-titolu tal-proprjeta` fil-kaz in ezami.

Illi kif gja` intqal fit-testment ta' omm il-kontendenti datat 15 ta' Marzu 2003 fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Mangion (Vide Dok. A a fol 12 tal-process), hija halliet **b'titolu ta' legat, l-uzufrutt konguntiv u successiv** tal-fond 65, Triq il-Barrakki, Qormi, lil tnejn minn uliedha u cioe' lil **Georgina u Nazzareno Sammut**, hut il-kontendenti.

Illi mill-provi jirrizulta li, Georgina u Nazzareno Sammut kienu persuni b'dizabilita' u kienu jirrisiedu fil-fond in kwistjoni ferm qabel il-mewt ta' omm il-kontendenti.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-kawza **"Ir-Reverendu Patri F. Azzopardi O.F.M Cap *nomine* vs Maria Hilda sive Hilda Cauchi et"** deciza fil-14 ta' Ottubru 2004, per Imhallef Dr. T. Mallia fejn gie ritenut:-

> *"Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza '***Baldacchino noe vs Mifsud noe',*** *deciza fid-29 ta' Ottubru, 1999, il-proprjeta' libera tal-legat tappartjeni lil- legatarju sa mill-gurnata tal-mewt tat-testatur, tant illi l- istess legatarju huwa paragunat bhala 'kreditur' tal-wirt. Bhala 'kreditur', l-oggett ma jkunx f'idejh qabel ma jinghata pussess tal-oggett tal-kreditu, u kif qalet l- Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza* ***'Borg vs Vella et',*** *deciza fit-3 ta' Marzu, 1995, l-immissjoni fil-pussess tal- legat hija 'c-cavetta' ta' l-istitut kollu. L-immissjoni fil- pussess tista' tinghata jew espressament jew tacitament, u jinghad li* ***hemm immissjoni fil-pussess tacita, meta l-legatarju jiehu pussess materjali ta' l-oggett u l-eredi ma jaghmilx oppozizzjoni".***(Enfasi ta' din il-Qorti)

Illi l-Qorti tosserva illi ma sar ebda referenza dwar l-immissjoni fil-pussess tal-proprjeta` de quo minn Georgina u Nazzareno Sammut izda skond il-insenjament tas-sentenza fuq citata ma hemm ebda dubju li d-dritt ta' proprjeta` u cioe' l-**uzufrutt konguntiv u successiv**, ghadda mill-ewwel ghand il-legatarji.

L-immissjoni tal-pussess hija mehtiega permezz ta' att formali izda skond is-sentenza fl-ismijiet **"Carmela Sammut vs Av. Dr. Giuseppe Sacco nomine"** (Appell Civili per President Dr.William Harding - deciz **21 ta' Mejju 1955**) l-Qorti ta' l-Appell issottolineat li fil-konkors ta' certi cirkostanzi, l-legatarju jista'jkollu l-pussess legittimu tal-legat, avvolja ma kienx hemm domanda formali, kif hu veru li bizzejjed ikun hemm l-assens ta' l-eredi, liema konsens jista' jkun anki wiehed tacitu. (Vide ukoll **Mario u Jennifer mizzewgin Testa v. Rose Marie Testa** – deciza **18 ta' Lulju, 2014** mill-Qorti tal-Appell Civili);

Illi ghalhekk il-Qorti taghraf illi fil-kaz in ezami d-dritt ta' uzufrutt tal-proprjeta` rilevanti u l-immissjoni fil-pussess ta' dan id-dritt ghaddiet mill-ewwel lil Georgina u Nazzarenu Sammut mal-mewt ta' ommhom u li sussegwentement dan id-dritt ta' uzufrutt u l-immissjoni tal-pussess ta' dan id-dritt, ghadda f'idejn Nazzarenu Sammut mal-mewt ta' Georgina Sammut, u dana 'l ghaliex ma jirrizulta ebda oggezzjoni ghal dan da parti tal-kontendenti.

Illi jirrizulta inkontestat illi skont t-testment datat 15 ta'Marzu 2003, id-decujus Maria Dolores Sammut halliet lis-seba' ulied taghha eredi universali u b'hekk komproprjetarji tal-fond de quo. (Vide testment Dok. A a fol. 12 u 13)

Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament moghti fis-sentenza **Maria Sammut Vs Lawrence Sammut et** deciz fit-**28 ta' Jannar, 2004**:

> *'Wiehed dejjem m' ghandux jinsa illi l- proprjeta` komuni hi soggett ghall-uzufrutt favur taghha u ghalhekk jinsorgi fiha d-dritt tal-godiment pjen ta' l-istess hwejjeg komuni,* **ad eskluzjoni tal-komproprjetarji.** *Dan johrog mid-definizzjoni innifisha li l-ligi taghti lill-uzufrutt fl- Artikolu 328 tal-Kodici Civili u l-jeddijiet konferiti lill-attrici f'din il-veste mid-disposizzjonijiet li jsegwu dwar dan l- Istitut. Naturalment din ma ghandhiex tabbuza jew tikkomprometti d-drittijiet tan-nudi proprjetarji izda din hi materja ohra li f' dan il-kaz ma tqumx;*
>
> *Tibqa' ghalhekk dejjem valida l-osservazzjoni tal-***Laurent** *("Principii di Diritto Civile", Vol. VII para. 38) "a rigor di principio* ***il nudo proprietario non puo` usare della cosa, ne` goderla, poiche il diritto di usare e di godere e` staccato dalla proprieta` ed appartiene all' usufruttuario".***
>
> (Enfasi ta din l-Qorti)

Illi jinghad illi l-attrici qed tankra t-talbiet taghha fuq l-premessa li abbazi tat-testment tal-15 ta' Marzu, 2003 hija kellha tibqa' tiehu hsieb lil huwha Nazzareno Sammut fid-dar in kwistjoni. Jirrizulta inkontestat pero illi l-attrici Grace Slater **irrinunzjat ghal dan l-obbligu permezz tal-iskrittura datata 25 ta' Gunju 2005** (Dok. B a fol. 16). Jirrizulta ampjament ukoll illi Grace Slater giet rimborsata ghal kwalunkwe servigi illi hija pprestat lil hutha. Hija l-fehma ta' din il-Qorti, illi minn dakinhar 'l quddiem u cioe mill-25 ta' Gunju 2005, l-attrici Grace Slater certament ma kellhiex htiega ta' c-cwievet tal-fond ta' Hal Qormi wisq anqas id-dritt, u dan ghaliex kienet **irrinunzjat li tiehu** hsieb ta' hutha Georgina u Nazzareno Sammut.

Illi mill-provi jidher li Nazzareno Sammut  jikkomunika tajjeb permezz tas-sinjali u dan intqal minn terzi persuni cioe' xhieda indipendenti mhux parti fil-kawza. Il-Qorti taghraf li ma ngabet ebda prova da parti tal-attrici  li turi b'xi mod li Nazzareno Sammut huwa interdett skond il-ligi. Anzi il-provi juru xort ohra 'l ghaliex Nazzarenzo Sammut fil-fatt ircieva l-karta tal-vot biex jivvota fl-elezjoni generali tas-sena 2013.

Il-Qorti tinnota illi ebda wiehed mill-partijiet ma dehrilha li kellha tipproduci bhala xhud lil Nazzareno Sammut li setgha jaghti x-xhieda tieghu permezz ta'interpretu jew facilitator cioe' persuna indipendenti mharrga fis-sign language.

Di piu' l-Qorti m'ghandha ebda prova li l-bdil tas-serratura sar kontra l-volonta u r-rieda ta' Nazzareno Sammut.

Ghalhekk, ghalkemm jista' ikun li l-attrici kellha xi interess li tistitwixxi din il-kawza qua ko-proprjetarja, hija, semmai, kellha tindirizza l-lanjanza taghha fil-konfront ta' Nazzareno Sammut li huwa l-uzufruttwarju tal-fond indikat fir-rikors promotorju ta' Hal Qormi.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba attrici, tichad t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti izda tilqa' l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti u tillibera lill-istess konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-konvenuti mhumiex il-legittimi kontradditturi f'din l-azzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------